# Magistrat
# Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**v**

**SPIRIDIONE D’AMATO**

**Illum 31 ta’ Lulju 2001,**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **SPIRIDIONE D'AMATO** ta’ tletin sena bin Carmel u Josephine xebba Camilleri mwieled Santa Lucia fit-tnejn ta’ Gunju 1970 u joqghod 4, Race Course Street, Marsa, detentur ta’ karta tal-identita` numru 242570(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar snin u qabel, b’diversi atti maghmuli fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmul b’rizoluzzjoni wahda ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Akkuzat talli fl-ghaxra t’Ottubru 1998 mill-Marsa, bil-lejl, ikkometta serq ta’ flus kontanti kif ukoll diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm 100) izda anqas

minn elf lira Maltin (Lm 1000) minn gewwa l-fond bin-numru 12, Cross Roads, Marsa ghad-dannu ta' Paul Cachia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u hin.

Akkuzat talli fid-dsatax t'Ottubru 1998 mill-Marsa, bil-lejl, ikkometta serq ta' *welding set* tal-ghamla 'Elto' u oggetti ohra li l-valur taghhhom jecceddi s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm 100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) minn gewwa l-fond bin-numru 12, Cross Roads, Marsa ghad-dannu ta' Patrick Cachia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Akkuzat talli fit-tnejn u ghoxrin ta' Novembru 1998 mill-Marsa, bil-lejl, ikkommetta serq ta' diversi apparat elettroniku fosthom kompjuter tal-ghamla 'Tatung', *monitor* u accessorji ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm 1,000) mill-fond GDL Limited li huwa sitwat f'Marsa Cross Roads, Marsa ghad-dannu ta' Peter Paul Bonnici liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Akkuzat talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 1998 mill-Marsa, bil-lejl, ikkmetta serq ta' diversi apparat elettroniku fosthom kompjuter tal-ghamla 'Leo', *monitor* u accessorji ohra li li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm 1,000) mill-fond Camezuli Tyres Limited li huwa sitwat f'Marsa By Pass, Marsa ghad-dannu ta' Anton Camenzuli liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Akkuzat talli fis-sittax ta’ Jannar 1999 mill-Marsa, bil-lejl, ikkometta serq ta’ diversi apparat elettroniku fosthom kompjuter tal-ghamla ‘Fujitsu’, *monitor* u accessorji ohra li li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm 1,000) mill-fond Camezuli Tyres Limited li huwa sitwat f’Marsa By Pass, Marsa ghad-dannu ta’ Anton Camenzuli liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Akkuzat talli fit-tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 1998 mill-Marsa bil-lejl, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall esekuzzjoni tad-delitt billi ipprova jidhol fil-fond GDL Limited li huwa sitwat fi Cross Roads, Marsa ghad-dannu ta’ Walter Bonnici mis-Swieqi.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, f’hinijiet, dati u cirkostanzi u lokalitajiet hawn fuq msemmija ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli f’diversi postijiet hawn fuq msemmija liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda mhux iktar minn hames mitt lira Maltin (Lm 500) ghad-dannu tas-sidien rispettivi.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, hinijiet, dati u cirkostanzi f’ Malta xjentament laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat se jekk dan sar

f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Akkuzat ukoll talli l-imsemmi Spiridione D'Amato huwa ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebit fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali liema artikoli jinsabu esebit f'dawn l-atti a fol 325 u jgibu d-data tal-ewwel ta' Marzu 2001.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati tal-akkuzi kif adebitati lilu.

Rat illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe` sal-mument meta fil-fatt kien qed jigi investigat u rrilaxxa l-istqarrija tieghu.

Rat ukoll illi bil-partecipazzjoni tal-imputat, il-Prosekuzzjoni rnexxiela issolvi diversi kazijiet.

Rat illi l-imputat illum qieghed f'posizzjoni li jibda l-kors ta' riabilitazzjoni kif fil-fatt stqarret verbalment il-*probation officer* tal-istess imputat Joanne Battistino.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi cioe l-artiklu 261 (b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 330, 279, 280, 281, 18, 334, 325(b), 17(h), 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti qieset illi fic-cirkostanzi il-piena idonea hija dik ta' karcerarja u ghalhekk qed tikundanna lil imputat SPIRIDIONE D'AMATO ghal piena karcerarja ta' sentejn.**

**Oltre dan qed tpoggi lil imputat taht is-supervizjoni tal-*probation officer* Joanne Battistino ghal perjodu ta' tlett snin mill-llum bil-kundizzjoni li huwa jzomm kuntatt regolari maghha u l-istess *probation officer* ghandha tirraporta lura lil Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tal-istess imputat.**

**Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat SPIRIDIONE D'AMATO ihallas l-ispejjez tal-periti il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appelli Kriminali* fl-ismijiet Il-Pulizija vs Trevor Spiteri *deciza fis-sittax ta' Jannar 1998* fejn gie deciz li dawk l-ispejjez li jigu involuti fil-kors tal-inkjesta ma jigux adebitati lil imputat. Ghaldaqstant qed tichad tali talba.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**